PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9238 — INEOS/Ashland Global (Composites Business and Butanediol Manufacturing Facility))

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 151/06)

1. Fil-25 ta' April 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— INEOS Enterprises Holdings Limited ("INEOS", l-Iżvizzera),

— Negozju ta' kompożiti globali u faċilità ta' manifattura f'Marl (il-Ġermanja) ta' Ashland Global Holdings Inc. ("Ashland", l-Istati Uniti) ("il-Mira").

INEOS takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' partijiet minn Ashland.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Għal INEOS, il-manifattura u l-bejgħ ta' petrokimiċi, kimiċi ta' speċjalità u prodotti taż-żejt, globalment;

— għall-Mira, il-manifattura u l-bejgħ ta' kimiċi ta' speċjalità użati fil-produzzjoni ta' reżini komposti bħar-reżini ester tal-vinil, kisjiet tal-ġel u reżini tal-poliester mhux saturati, kif ukoll il-manifattura (f'Marl) u l-bejgħ ta' butadiol, tetraidrofuran u kimiċi oħra ta' speċjalità użati fil-produzzjoni ta' plastik għall-inġinerija, elastomeri termoplastiċi u solvent ta' speċjalità, globalment.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9238 — INEOS/Ashland Global (Composites Business and Butanediol Manufacturing Facility)

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË